# Mill-Arkivji tal-Knisja Parrokkjali



**Minn Anthony Bezzina**

Bħal ma rajna fil-kotba/programmi tal-festa tat-tlett snin li għaddew, din is-sena wkoll ser nagħtu ftit tagħrif permezz ta' dan l-artiklu "Mill-Arkivji". Prinċipalment, il-ħsieb ta' dawn l-artikli huwa biex kull min hu nteressat fl-istorja jkollu xi tagħrif dwar dak li sar ħafna snin ilu, 154 sena ilu. Din is-sena ser naraw kif saru d-damask, statwa ta' Ġesù Bambin u l-kalamita mal-lanterna tal-koppla.

## Damask

Din is-sena ser naraw kif fl-1869 sar id-damask li kellu jintuża għas-servizzi tal-knisja parrokkjali. Il-kappillan beda jorganizza l-ġbir kemm fil-knisja kif ukoll minn xi benefatturi oħra. Għal diversi ġimgħat u xhur, il-kappillan organizza l-ġbir waqt il-quddies tal-ħdud filwaqt li nies oħra daru d-djar u l-benefatturi. Naturalment waqt li qed isir il-ġbir, il-kappillan beda jordna d-damask u kollox beda miexi ħaġa wara l-oħra. Il-ġabra totali biex sar id-damask laħqet is-somma ta' 2136 skudi, 10 tari u 4 grani.

Fit-22 ta' Ġunju 1869, in-negozjant C. Busuttil ġab dan id-damask tal-ħarir bid-disinn tal-palma, biex jinħadmu l-pilastri kif ukoll ġallun tal-ħarir isfar. Dawn swew is-somma ta' 706 skud, 8 tari u 14 grani. Fis-7 ta' Awwissu waslet konsenja oħra ta' damask u gallun li swiet is-somma ta' 1140 skud, 7 tari u 4 grani. Fit-22 ta' Settembru tħallset is-somma ta' 103 skud, 1 tar u 16 grani għal aktar gallun tal-ħarir.

Għax-xogħol tal-ħjata tad-damask ġie mqabbad Il-ħajjat Lorenzo Mallia mill-Isla u miegħu kellu lavranta, Maria, mill-Isla wkoll, li kienu jiġu kuljum fil-Qrendi. Ix-xogħol tal-ħjata beda f'Lulju. Il-ħajjat flimkien mal-lavranta tiegħu tħallsu s-somma ta' 76 skud u 3 tari. Ix-xogħol tal-ħjata dam madwar 5 ġimgħat u biex lesta f'dan iż-żmien hekk qasir, Lorenzo u Maria ħadmu bla heda, tant li l-kappillan, meta ra din il-ħeġġa kollha, tahom rigal ta' 12-il skud u 6 tari bħala ringrazzjament għal ħidma u l-impenn tagħhom.

Meta dan ix-xogħol spiċċa, il-kappillan ta r-rendikont :

Dħul minn arbular, donazzjonijiet, benefatturi u ġbir fil-knisja = 2136 skudi, 10 tari u 4 grani

Ħruġ – Damask u gallun mingħand C. Busuttil, trasport, lenza u ganċijiet, ħjata u rigal lil-ħajjat = 2082 skudi, 2 tari u 18 grani.

Kien baqa' bilanċ ta' 54 skud, 7 tari u 6 grani. B'dawn il-flus ġie rranġat u ndurat il-kwadru ta' San Ġużepp mill-mastrudaxxa Francesco Zahra li sewa 21 skud, 9 tari u 12 grani. Ġie mixtri wkoll kwadru ieħor li jirrappreżenta lil Beatu Ġiuseppe Labre' ta' Antonio Gerada għas-somma ta' 24 skud u gwarniċ għalih li sewa 8 skudi, 9 tari u 4 grani.

## Statwa żgħira ta' Ġesù Bambin.

Fl-1875, il-Kappillan, Dun Pietru Pawl Xuereb, xtaq li jagħmel statwa ta' Gesu Bambin kompluta bin-nicca tal-injam u ndurata. Il-ħsieb kien li din titpoġġa fuq l-altar taċ-Ċintura fil-korsija tal-knisja parrokkjali. Għalhekk f'Ottubru ta' l-istess

sena saret l-ewwel ġabra li laħqet is-somma ta' 52 skud u 11 tari. F'dan l-istess xahar Mastru Girolamo Darmanin, mill-Isla, kien ġie kkummissjonat biex jagħmel statwa ta' Ġesù Bambin li swiet is-somma ta' 20 skud. Il-mastrudaxxa Francesco Zahra ġie mqabbad biex jaħdem in-niċċa li, bejn injam, xogħol u skultura ġiet tiswa 10 skudi. L-induratura, il-ħġieġa u xi damask ta' din in-niċċa swew 7 skudi u 11 tari.



## Kalamita mal-lanterna tal-koppla

Fis-sena 1876 inħass il-bżonn li tiġi nstallata kalamita fuq il-lanterna tal-koppla tal-knisja. Għal dan il-għan beda jsir il-ġbir fil-knisja kif ukoll xi donazzjonijiet oħra li laħqu s-somma ta' 347 skudi u 5 tari u 9 grani.

Bħal dejjem, ħaġa taqla' oħra u għalhekk kien ġie deċiż li kif ser isir xogħol fil-koppla kellu jiġi rranġat is-salib tal-lanterna li kien fi stat ħażin u għalhekk kellu jsir ieħor ġdid tal-ġebel. F'dawk iż-żminijiet ma kienx ħawn l-inġenji li naraw illum u għalhekk kellhom isiru l-preparament meħtieġa biex wieħed seta' jitla fuq il-koppla u l-lanterna mingħajr biża ta' xi nċident. Għal din il-biċċa xogħol ġie mqabbad il-bennej Salvatore Abdilla flimkien mal-lavrant tiegħu Francesco Farrugia li ħadu hamest ijiem biex lestew il-bażi għal dan ix-xogħol. Ta' dan tħallsu s-somma ta' 11 skudi u 8 tari. Il-mastrudaxxa Zahra għamel xi xogħol tal-injam li swew 13-il skud.

Id-ditta ta' Luigi Gauci ġiet imqabbda biex tforni l-kalamita u tagħmel l-istallazzjoni tagħha kif ukoll is-salib tal-ġebel. Dawn swew is-somma ta' 265 skudi, 3 tari u 12 grani li tħallsu fit-2 ta' Jannar 1877. Il-kalamita weħidha ma kinitx biżżejjed u biex din taħdem kif suppost kien hemm bżonn li jsir bir taħt iz-zuntier biex din tintrabat fih. Għal dan ix-xogħol tqabbdu Francesco Cassar u Giovanni Magru li ħaffru l-bir u rranġawh kif suppost. Ta' dan ix-xogħol u l-materjal bżonjuż kienu tħallsu s-somma ta' 4 skudi, 4 tari u 5 grani.

F'ħarġa oħra nagħtu ħarsa lejn affarijiet oħra.
Nawgura l-festa t'tajba lil sħabi l-Qrendin kollha.


The Hunting Bar

fi Triq Rokku Buhagiar, Qrendi



Xorb u appetizers
ġenwini
f'atmosfera moderna
bi prezzijiet moderati

Il-proprjetarju
Sammy Abdilla
jawgura l-festa t-tajba
lil kulħadd